MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF DAVID SCICLUNA

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 95/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Zahra  talli:

(1) Fis-6 ta’ Jannar 2004 u fix-xhur ta’ qabel ikkommetta serq ta’ senter ta’ l-ghamla “Breda” bin-numru 161618 ghad-dannu ta’ Paul Grech minn San Gwann u oggetti ohra minn go kamra f’ghalqa fiz-Zurrieq, liema valur tas-serqa huwa ta’ iktar minn Lm10 izda anqas minn Lm100 u hu aggravate bil-mezz;

(2) Fl-istess perijodu xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa jew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibighhom jew imexxihom minn go kamra f'ghalqa fiz-Zurrieq ghad-dannu ta' Paul Grech minn San Gwann;

(3) Fis-6 ta' Jannar 2004 ghall-habta ta' 13.45 hrs f'Hal-Far volontarjament ikkaguna hsara fuq il-vettura bin-numru tar-reg. GAN-875 tal-marka Fiat Punto, liema hsara teccedi l-Lm50 izda ma teccedix il-Lm500, u dan gahd-dannu ta' Ann Marie Zahra miz-Zurrieq;

(4) Fl-istess perijodu kellu fil-pussess tieghu senter tal-marka “Breda” b'numru tar-registrazzjoni 161618 minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

(5) Fl-istess data ghall-habta tas-6.00 a.m. fi Triq Hal-Far, B'Bugia, hedded b'arma tan-nar (senter) lil Mario Zahra minn B'Bugia;

(6) Fl-istess data u lok ghall-habta ta' 13.45 hrs hedded bil-kliem lil Ann Marie Zahra miz-Zurrieq;

(7) Sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti Kriminali ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' April 2008 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Joseph Zahra hati ta' l-ewwel, it-tieni u l-hames imputazzjonijet u minnhom illiberatu, iddikjarat il-procediment ezawrit ghal dak li jirrigwarda t-tielet u s-sitt imputazzjonijiet, izda sabitu hati tar-raba' u tas-seba' imputazzjonijiet u,wara li rat l-artikoli 3 u 4 tal-Kap. 480 li sostitwiet il-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannatu ghal xahar prigunerija;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Joseph Zahra pprezentat fl-14 ta' April 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata fis-sens li tikkonfermaha in kwantu lliberatu mill-ewwel, it-tieni u l-hames imputazzjonijiet, u in kwantu ddikjarat il-

procediment ezawrit ghar-rigward tat-tielet u s-sitt imputazzjonijiet, u tirrevokaha in kwantu sabitu hati tar-raba’ u tas-seba’ imputazzjonijiet u minnhom tilliberah;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-appell jirrigwarda s-sejbien ta’ htija dwar ir-raba’ imputazzjoni u konsegwentement is-seba’ imputazzjoni. L-appellant jghid li l-prosekuzzjoni gabet provi li l-arma in kwistjoni kienet misruqa, li din ittiehdet l-ghassa tal-pulizija minn uliedu l-ahwa Mario u Joseph Zahra, u li huwa dejjem cahad li qatt kellu dik l-arma fil-pussess tieghu. Jghid li fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti tibbilancja dak li l-pulizija qalu x’qalulhom ulied l-appellant (li hu *hearsay* u ghalhekk mhux prova ammissibbli) ma’ dak li xehed l-appellant u waslet ghall-konkluzjoni li temmen il-verzjoni tal-pulizija. L-appellant ikompli jghid li oltre li d-*detto del detto* mhix prova ammissibbli, u oltre r-regola kardinali li l-prosekuzzjoni kellha ggib l-ahjar prova, principju iehor li gie mxellef hawnhekk kien li *quod non est in actis non est in mundi*. Bhalma l-appellant korrettement gie liberat mill-hames imputazzjoni ghax kif qalet l-ewwel Qorti “fin-nuqqas ta’ xhieda ta’ uliedu … ebda Qorti ma tista’ ssib htija fl-imputat”, hekk ukoll, ikompli l-appellant, kellu jigi liberat mir-raba’ imputazzjoni u, konsegwentement mis-seba’ imputazzjoni.

Minn ezami li ghamlet din il-Qorti tal-provi kollha prodotti mill-prosekuzzjoni, hi tal-fehma li l-appellant ghandu ragun. Permezz tar-raba’ imputazzjoni l-appellant gie akkuzat li kellu fil-pussess tieghu senter minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija. Dwar din l-imputazzjoni hemm ix-xiehda ta’ ex-P.S. 808 Nazzareno Sammut li jirreferi ghal <u>dak li qalulu</u> ulied l-appellant fis-sens li kellhom argument ma’ missierhom u dan qabad senter ghalihom, li Joseph Zahra iben l-appellant ha s-senter minn idejn missieru u li s-senter gie kkonsenjat lix-xhud minn dan Joseph Zahra iben l-appellant. Dan kollu hu

rifless fir-rapport Dok. XPS 2 (a fol. 80 – 81) u fis-*seizure note* Dok. JJX1 (a fol. 73). Xejn minn dan kollu pero` ma gie kkonfermat mill-imsemmijin Mario u Joseph, ahwa Zahra, peress illi ma xehdux f'dawn il-proceduri. Dak li qal P.S. 808 li qalulu l-imsemmijin ahwa Zahra jista' jitqies bhala diskors li ntqal lill-istess P.S. 808 izda ma jistax jitqies bhala prova li dak li qalulu verament sehh.

Mill-banda l-ohra hemm provi li l-appellant konsistentement cahad xi konnessjoni ma' l-imsemmi senter. L-istess P.S. 808 xehed li kien kellem lill-appellant li kien cahad kollox u l-appellant xehed quddiem l-ewwel Qorti fejn cahad li qatt kellu s-senter in kwistjoni fil-pussess tieghu.

F'dawn ic-cirkostanzi, fejn l-ewwel Qorti kienet sahansitra lliberat lill-appellant mill-hames imputazzjoni fejn gie akkuzat li hedded lil ibnu Mario b'senter proprju minhabba "n-nuqqas ta' xiehda ta' uliedu", l-appell jimmerita li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tar-raba' u tas-seba' imputazzjonijiet u kkundannatu ghal xahar prigunerija u minflok tiddikjarah mhux hati ta' dawk l-imputazzjonijiet u ghalhekk tilliberah minn dawk l-imputazzjonijiet u mill-piena nflitta u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------